MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru 956/2006

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Sami Baddar
Stephen Mercieca
Andrew Briffa
Luke Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Sami Baddar, Stephen Mercieca, Andrew Briffa u Luke Vella detenturi ta' karti ta' identita' numru 21654A, 284686M, 143587M, 526985M rispettivament, akkuzati li f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Gunju 2006, f'xi hin bejn is-1:00 a.m. u s-2:00 a.m. gewwa Sqaq Lourdes, San Gwann u l-kumpless Baystreet fi Triq Santu Wistin, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu l-hajja fil-perikolu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Mark Gauci – bi ksur ta' l-Artikolu 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu l-hajja fil-perikolu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Matthew Gauci – bi ksur ta' l-Artikolu 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu l-hajja fil-perikolu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Jacques Farrugia – bi ksur tal-Artikolu 214, 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Sean Gauci – bi ksur ta' l-Artikoli 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fil-gisem ta' Daniel Zerafa – bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. volontarjament kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied – bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. l-akkuzat Sami Baddar wahdu akkuzat talli ghamel delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-11 ta' Lulju 2003, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mark Gauci, Matthew Gauci, Jacques Farrugia, Sean Gauci, Daniel Zerafa jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat torbot lil hati bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti (Art 383 tal-Kap 9).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-verbal tas-26 ta' Marzu u l-21 ta' Gunju 2007;

Semghet ix-xhieda;

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok huwa principju fid-dritt li x'jigi mistqarr fl-istqarrija, jigifieri dak mistqarr bil-miktub, jew anka verbalment, jifforma biss prova kontra minn ikun stqarriha (Artikolu 658 tal-Kap 9).

Issa fil-kaz in ezami jinsab assodat li fil-gurnata u hin indikat sehhet glieda bejn zewg gruppi ta' guventur fl-liema glieda whud minnhom soffrew xi feriti. Ic-citazzjoni isemmi li whud mill-feriti kienu ta' natura gravi. L-imputati gew fil-fatt akkuzati li kkagunaw il-feriti, fosthom dawk allegatament gravi u ohrajn ta' natura hafifa.

Illi l-ligi fil-kuntest tal-akkuzi rigward feriti titlob intenzjoni generika skond il-massima 'dolus indeterminatur determinatus ab exitu'. Fil-kuntest tal-akkuzi tal-feriti f'dan il-kaz jirrizulta fic-car mix-xhieda tal-persuni lezi li l-feriti minnhom sofferti kienu kollha ta' natura hafifa fit-termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9. Jinghad fis-subincis (4) tac-citat artikolu illi fl-ambitu ta' feriti hfief il-proceduri jittiehdu a bazi ta' kwerela tal-parti offiza liema parti tista' f'kull stadju tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli. Fil-kaz in ispecje il-partijiet offizi kollha iddikjaraw 'viva voce' quddiem din il-Qorti li qeghdin hekk jirrinunzjaw.

Illi ghalhekk u sakemm l-akkuzi jittrattaw il-feriti hemm procediment esawrit.

Illi jibqa' biss l-offiza kontravenzjonali ghab-bazi ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 li mill-provi ghandha tirrizulta li giet pruvata.

Ghalhekk taqta' u tiddeciedi wara li rat l-artikolu 7 u 338(dd) tal-Kap 9 li ssib l-imputati kollha hatja tal-kontravenzjoni u tikkundannahom ghat-twiddiba.

Dwar l-akkuza kontra l-imputat Sami Baddar wahdu, li kkommetta r-reati li bihom gie akkuzat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u dwar liema reati din il-

Qorti salv ghall-offiza kontravenzjonali iddikjarat procediment esawrit, il-Qorti mhux sejra minhabba f'hekk, tittratta tali ksur minn dan l-imputat li ghalhekk jibqa' marbut mat-termini tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-11 ta' Lulju 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------